MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 265/1998/1

**Tarcisio u Josephine konjuġi Grima**
***versus***
**Il-Professur Henry Frendo u martu Margaret Frendo u għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom Joseph S. Cremona, George E. Cremona u martu Mary Cremona u l-Avukat Dr. Carmelo Galea kuratur deputat nominat b'dikriet tas-26 ta' Jannar 1998 sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Jeremiah u Laura konjuġi Moynihan**

1. Din il-kawża hija dwar il-proprjetà ta' bitħa li l-atturi jgħidu li hija tagħhom għalkemm tinsab f'idejn il-konvenuti Frendo. Dan huwa appell tal-konvenuti Frendo minn żewġ sentenzi preliminari mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li ċaħdu żewġ eċċezzjonijiet tal-istess konvenuti, minn dikriet li ordna korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u mis-sentenza finali li laqgħet it-talbiet tal-atturi.

**It-Talbiet tal-Atturi**

2. L-*iter* proċedurali seħħ hekk: b'ċitazzjoni ippreżentata fis-17 ta' Diċembru 1998 l-atturi fissru illi l-proprjetà tagħhom – numru tmintax (18), Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex – u dik tal-konvenuti Frendo – numri għoxrin u wieħed u għoxrin (20 u 21) fl-istess triq – fi żmien kienu fond wieħed sakemm inqasmu b'kuntratt ta' qsim ta' proprjetà tal-14 ta' Settembru 1928 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo. L-atturi jgħidu illi d-deskrizzjoni tal-fondi kif maqsuma fil-kuntratt turi illi l-bitħa li dwarha saret il-kawża tagħmel parti mill-fond li llum huwa tagħhom, għalkemm tinsab f'idejn il-konvenuti Frendo. L-atturi għalhekk talbu illi l-qorti:

i. tgħid illi l-bitħa hija proprjetà tagħhom weħedhom; u

ii. tgħid ukoll illi l-istess bitħa qatt ma kienet parti mill-fond proprjetà tal-konvenuti Frendo iżda hija parti mill-fond tal-atturi, għalkemm soġġetta favur il-fond tal-konvenuti Frendo għad-dritt li jgħaddu minnha biex itellgħu ilma mill-bir li hemm fil-fond li jmiss ma' dak tal-atturi.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti**

3. Il-konvenuti Frendo ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-meritu tal-kawża ġà ġie deċiż mir-Reġistratur tal-Artijiet ["ir-Reġistratur"] wara talba magħmula mill-atturi għall-korrezzjoni taċ-Ċertifikat tat-Titolu tal-eċċipjenti, u t-talba ġiet miċħuda mir-Reġistratur fl-24 ta' April 1998 taħt l-art. 51 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet ["Kap. 296"]. [Minn din id-deċiżjoni tar-Reġistratur kien sar appell iżda d-deċiżjoni ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2003, Appell Ċivili numru 115/1998.] L-eċċipjenti għalhekk ressqu l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* jew *res iudicata*;

ii. l-eċċipjenti huma s-sidien tal-bitħa bis-saħħa ta' kuntratt tal-4 ta' April 1996 fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani u d-dritt ta' proprjetà ġie reġistrat fir-Reġistru tal-Artijiet biċ-Ċertifikat ta' Titolu (Assolut) numru 225503064; u

iii. ma hux minnu illi l-kuntratti msemmija mill-atturi juru illi l-bitħa hija proprjetà tagħhom iżda anzi juru illi l-bitħa ma tagħmilx parti mill-fond tal-atturi.

4. Il-konvenuti l-oħrajn – Cremona u Moynihan – ukoll ressqu eċċezzjonijiet, iżda, billi l-atturi ċedew it-talbiet tagħhom safejn magħmula kontra dawn il-konvenuti, l-eċċezzjonijiet tagħhom ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell.

**Id-Deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet**

5. Id-deċiżjoni tal-24 ta' April 1998 tar-Reġistratur[1] kienet ingħatat wara talba mill-atturi għall-korrezzjoni taċ-Ċertifikat tat-Titolu tal-konvenuti Frendo billi fuq dak iċ-ċertifikat il-bitħa li dwarha saret il-kawża tallum intweriet bħala parti mill-fond tal-konvenuti Frendo. Ir-Reġistratur kien tal-fehma illi seta' jqis it-talba biss taħt l-art. 51(3)(*ċ*) tal-Kap. 296, li jgħid illi korrezzjoni li tolqot it-titolu ta' sid li jkollu l-pussess tista' ssir meta "wieħed ikun tal-fehma li jkun inġust li ma ssirx korrezzjoni fir-reġistru". Wara li qies il-provi r-Reġistratur kien tal-fehma illi l-bitħa hija proprjetà tal-konvenuti Frendo iżda, billi deherlu illi "hemm possibilità kbira illi l-bitħa proprjetà ta' Frendo tista' tkun soġġetta għal [servitù ta'] passaġġ", ikkorreġa ċ-Ċertifikat tat-Titolu fis-sens biss illi żied din is-servitù kif iridu l-artt. 43(3) u 51(3) tal-Kap. 296.

**Il-Provvediment dwar Soprasessjoni**

6. L-atturi appellaw minn din id-deċiżjoni tar-Reġistratur – appell numru 115/1998 – u fetħu wkoll il-kawża tallum. Waqt is-smigħ tal-appell 115/1998 saret talba għal soprasessjoni sakemm tinqata' l-kawża tallum. Din it-talba ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999[2] ["il-Provvediment dwar Soprasessjoni"]. Il-qorti fissret ir-raġuni għal din id-deċiżjoni hekk:

«… … … fil-każ taħt eżami l-qorti qed tintalab li tieqaf milli tisma' u tiddeċiedi r-rikors quddiemha għaliex lir-rikorrenti dehrilhom li kellhom jittantaw jippruvaw it-titolu ta' proprjetà tagħhom f'kawża li huma intavolaw għal dan il-fini quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri ċivili. Indubbjament, dik l-

---

1 *Foll.* 128 *et seq.*

2 *Foll.* 153 *et seq.*

azzjoni, jekk tentata b'suċċess, ikollha l-effett li tiddikjara t-titolu ta' proprjetà li r-rikorrenti qed jivvantaw fuq il-bitħa kontestata, u tali sentenza, *una volta* tgħaddi in ġudikat, kienet reġistrabbli mar-Reġistratur tal-Artijiet u definittivament għal dak il-meritu timmodifika l-ewwel reġistrazzjoni tar-Reġistratur. Dak il-meritu però kien għal kollox differenti minn dak li pprospetta s-subinċiż (1) tal-artikolu 51 fejn il-qorti tista' tkun adita biex tinkiseb dikjarazzjoni li r-reġistrazzjoni tkun saret b'qerq jew bi vjolenza. Iż-żewġ azzjonijiet għandhom premessi u finalità differenti. Filwaqt li l-azzjoni odjerna qiegħda tattakka r-reġistrazzjoni *ut sic*, il-kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex qiegħda tirrivendika l-proprjetà. Ma jidhrix li hu l-każ allura li l-qorti tilqa' t-talba għas-soprasessjoni għaliex azzjoni waħda ma teskludix l-oħra. Infatti deċiżjoni f'din il-kawża bl-ebda mod ma tinfluwenza l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex u lanqas *vice versa*.»

**L-Ewwel Sentenza Preliminari**

7. Saret talba mbagħad quddiem il-Qorti ta' Għawdex għal soprasessjoni tal-proċeduri tallum. Deċiżjoni fuq din it-talba ngħatat fl-1 ta' April 2003 flimkien ma' deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Frendo. Din is-sentenza tal-1 ta' April 2003 ["l-Ewwel Sentenza Preliminari"] ċaħdet kemm it-talba għal soprasessjoni u kemm l-eċċezzjoni għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

«Din l-eċċezzjoni preliminari tinvoka in-*ne bis in idem*. Tiddomanda wkoll l-astensjoni, *ossia* s-soprasessjoni, ta' din il-qorti milli tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna, pendenti l-eżitu tad-deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell tal-kawża pendenti quddiem dik il-qorti (appell nru 115/98). Il-konvenuti l-Professur Henry Frendo u martu eċċipew li l-mertu tal-kawża odjerna ġà ġie deċiż mir-Reġistratur tal-Artijiet wara talba magħmula mill-istess atturi għall-korrezzjoni taċ-Ċertifikat tat-Titolu u dan permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' April 1998 tar-Reġistratur tal-Artijiet *ai termini* tal-artikolu 51 tal-Kap. 296. Fi kliem ieħor huma qegħdin jeċċepixxu r-*res judicata*. Din l-eċċezzjoni però m'hijiex fondata u ma tistax tiġi akkolta. Dan għandu jirrisulta wisq ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq rikors tal-atturi odjerni magħmul kontra d-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet tal-24 ta' April 1998. Il-Qorti tal-

Appell f'dik is-sentenza tgħid ċar li ż-żewġ azzjonijiet, b'referenza għal din quddiem din il-qorti, u dik quddiem il-Qorti tal-Appell fejn l-atturi appellaw kontra d-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet, anke jekk rigwardanti bitħa meritu ta' din il-kawża, huma differenti u distinti minn xulxin. Qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ċitata illi "ż-żewġ azzjonjiet għandhom premessi u finalità differenti. Filwaqt li l-azzjoni odjerna (*cioè* l-appell mid-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet) qiegħda tattakka r-reġistrazzjoni *ut sic*, il-kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex qiegħda tirrivendika l-proprjetà". Dan ifisser illi l-kawżali u l-finalità ma humiex l-istess u għalhekk hemm żgur nieqes element essenzjali, dak tal-*eadem causa petendi*, biex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Tirrifjuta wkoll, għall-istess raġuni, it-talba li tastjeni milli tisma' din il-kawża pendenti l-appell fuq riferit.»

**Id-Deċiżjoni Finali fl-Appell mid-Deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet**

8. Fit-8 ta' Mejju 2003 inqata' l-appell numru 115/1998 mid-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-24 ta' April 1998. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-atturi u ikkonfermat id-deċiżjoni tar-Reġistratur.

**It-Tieni Sentenza Preliminari**

9. Fis-6 ta' Lulju 2004, imbagħad, il-Qorti ta' Għawdex tat-sentenza ["it-Tieni Sentenza Preliminari"] li biha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Frendo wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Illi l-eċċezzjoni in diżamina tgħid illi "fil-meritu l-eċċipjenti (b'referenza għall-konvenuti Frendo *et*) huma s-sidien tal-bitha mertu tal-kawża odjerna u dan bis-saħħa tal-kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Paul G. Pisani tal-4 ta' April 1996 liema dritt ta' proprjetà ġie reġistrat fir-Reġistru tal-Artijiet permezz ta' Ċertifikat ta' Titolu (Assolut) numru 225503064 (Dok HF2)". Iċ-ċertifikat li tiegħu saret referenza hu dak anness *folio* 124 [*recte*, 134] *et seq.* maħruġ mir-Reġistratur tal-Artijiet fil-11 ta' Novembru 1993 b'titolu assolut relativament il-fondi numri 20 u 21, Main Street, Sannat, Għawdex.

«Jiġifieri, li l-konvenuti Frendo qegħdin jgħidu hu li d-dritt ta' proprjetà tagħhom relativament il-bitħa in diżamina jinsab illum reġistrat b'titolu assolut mir-Reġistratur tal-Artijiet u kwindi t-titolu tagħhom hu inattakkabbli.

«Intant m'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-fond su riferit ġie akkwistat mill-konjuġi Frendo b'kuntratt atti Nutar George Pisani tal-4 ta' April 1996 mingħand il-konjuġi Moynihan fejn il-fond ġie deskritt li qiegħed jinbigħ "*with its annexed yards, free and unencumbered, with all its rigħts and appurtenances*". U hu proprju fuq waħda minn dawn il-btieħi li tittratta l-kawża billi l-atturi qegħdin isostnu li tappartjeni lilhom u konsegwentement qegħdin jitolbu r-rivendika tagħha mill-pussess tal-konvenuti.

«Illi, kif aċċennat, il-qofol ta' dan il-gudikat huwa ċ-ċeritifkat ta' titolu (*folio* 124 – riferit *supra*) li mid-dokumenti esebiti in atti jirriżulta li ġà kien oġġett ta' tliet ġudikati preċedenti. L-ewwel wiehed kien dak deċiż mir-Reġistratur tal-Artijiet fl-24 ta' April 1998 (*folio* 128 *et seqq.*) fejn il-bitħa ġiet reġistrata b'Ċertifikat ta' Titolu Assolut favur il-konvenuti Frendo bil-kwalifika però li kienet soġġetta għad-dritt ta' passaġġ. It-tieni ġudikat hi sentenza preliminari tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-6 ta' Ottubru 1999 fejn tqajmet il-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Appell kellhiex tissoprassjedi pendenti deċiżjoni tal-odjerni proċeduri pendenti quddiem din il-qorti. It-tielet ġudikat hu d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Mejju 2003 li kkonfermat id-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet u kwindi ċaħdet it-talba tal-atturi (allura appellanti) li tirrevoka d-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet u tordnalu jikkorreġi t-Titolu 225503064 (riferibbli ċ-Ċertifikat tat-Titolu *a folio* 124 ta' dawn l-atti) billi jeskludi l-bitħa mill-istess titolu.

«Illi a bażi ta' dan il-vertenza f'dan il-ġudikat hija waħda u unika u tikkonsisti dwar jekk iċ-Ċertifikat ta' Titolu Assolut kif maħruġ mir-Reġistratur tal-Artijiet u finalment ikkonfermat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Mejju 2003 jikkostitwixxix a bażi tal-Kap. 296 titolu irrevokabbli li ma jistax jiġi megħlub l-anqas b'azzjoni ta' rivendika. Fi kliem ieħor, kif ben tajjeb osservaw il-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħom, il-punt in diżamina f'dan l-istadju jirrivolvi dwar x'inhija l-konsegwenza legali tal-ħruġ taċ-Ċeritifkat ta' Titolu Assolut.

«Illi t-teżi tal-atturi hi li t-titolu assolut jiġi eradikat biss wara għaxar snin mill-ħruġ taċ-ċertifikat waqt li għall-konvenuti l-effetti ta' reġistrazzjoni b'titolu garantit (jew assolut) jirrendi t-titolu irrevokabbli għaliha tali, fi kliem testwali tal-liġi, li ma jistax jiġi megħlub.

«Voldieri, li waqt li l-atturi qegħdin jinvokaw l-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 296, l-atturi [*recte*, il-konvenuti] qegħdin isostnu fuq l-artikolu 22 tal-istess Kap.

«Issa l-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni preliminari tagħha tas-6 ta' Ottubru 1999 għamlitha ċara li fil-waqt li din il-kawża hija wahda rivendikatorja, hi kienet ben distinta u separata mill-azzjoni mogħtija mill-artikolu 51(1) tal-Kap 296, u b'mertu għal kollox differenti. U hekk ukoll issostni din il-qorti li għandha quddiemha l-azzjoni rivendikatorja li, hu indubitat, tista' tigi eżerċitata f'kwalsiasi żmien. Tabilħaqq, tgħid din il-qorti, li l-irrevokabilità ta' Ċertifikat ta' Titolu taht il-Kap. 296 tirrigwarda dak iċ-Ċertifikat ta' Titolu kif maħruġ mir-Reġistratur tal-Artijiet li ma jfissirx neċessarjament li joqtol u jestingwi għal kollox dritt ta' rivendika ta' terzi fuq il-proprjetà koperta b'dak iċ-Ċertifikat ta' Titolu.

«Għalhekk, qiegħda tiddisponi minn din it-tieni eċċezzjoni billi tiċħadha u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-meritu proprju dwar ir-rivendika tal-atturi tal-bitħa in kwisjtoni.»

**Id-Dikriet ta' Korrezzjoni**

10. Fit-12 ta' Novembru 2004 saret talba b'rikors[3] mill-atturi għal korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża tallum. Ir-raġuni għat-talba kienet illi n-numri tal-fondi tal-partijiet kienu nbidlu aktar minn darba matul is-snin u meta fiċ-ċitazzjoni ssemmew in-numri li kellhom qabel, dak tal-fond tal-konvenuti ġie indikat ħażin. Il-konvenuti Frendo opponew għal din it-talba[4] iżda l-qorti b'dikriet mhux motivat mogħti fl-24 ta' Ottubru 2005[5] ["id-Dikriet ta' Korrezzjoni"] laqgħet it-talba u ordnat li ssir il-korrezzjoni.

**Is-Sentenza Finali**

11. Fit-13 ta' Awissu 2008, imbagħad, ingħatat is-sentenza finali fuq il-meritu ["is-Sentenza Finali"]. Il-Qorti ta' Għawdex, wara li qieset fil-fond il-provenjenza tat-titoli tal-partijiet mill-awtur komuni tagħhom wara l-kuntratt ta' qsim ta' proprjetà tal-14 ta' Settembru 1928, iddeċidiet hekk:

---

3 *Foll.* 262 *et seq.*

4 *Foll.* 387 *et seq.*

5 *Fol.* 459.

«Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Frendo u tilqa' t-talbiet tal-atturi però fis- sens li mill-kuntratti u atti oħra li fuqhom ibbażaw ruħhom l-atturi u l-konvenuti u korroborati wkoll bi provi oħra li saru riferenza għalihom f'din is-sentenza, il-qorti tasal għal konklużjoni li l-proprjetà tal-bitħa delinejata bil-kulur aħmar fil-pjanta *a fol*. 9 tifforma parti mill-fond numru tmintax (18), Main Street, Sannat, Għawdex proprjetà tal-atturi u mhux mill-fond bin-numru għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21), Main Street, Sannat, Għawdex li hu proprjetà tal-konvenuti, u li l-proprjetà tal-konvenuti għandha servitù ta' passaġġ minn ġewwa l-imsemmija bitħa sabiex jittieħed l-ilma mill-bir li hu aċċessibbli minn tieqa li hemm fl-istess bitħa li tikkonfina mil-lvant mal-istess bir. Dan iwassalna għal konklużjoni li fuq bażi ta' kuntratti u atti, l-atturi għandhom titolu aħjar minn dak tal-konvenuti Frendo. B'dan li l-qorti qiegħda tagħmilha ċara li qiegħda tasal għal din id-deċiżjoni mingħajr ma kkunsidrat x'jistgħu jkunu l-effetti taċ-ċertifikat ta' titolu assolut bin-numru 225503064 maħruġ fil-11 ta' Novembru 1993 (*fol*. 134) wara d-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-8 ta' Mejju 2003 (*fol*. 196) fuq l-eżitu ta' din il-kawża, ġaladarba ngħatat sentenza parzjali minn din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Lulju 2004 li permezz tagħha ġiet miċħuda t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li taqra li "….huma s-sidien tal-bitħa mertu tal-kawża odjerna u dan bis-saħħa tal-kuntratt ippubblikat min-Nutar Paul G. Pisani tal-4 ta' April 1996 liema dritt ta' proprjetà ġie reġistrat fir-Reġistru tal-Artijiet permezz taċ-Ċertifikat ta' Titolu (Assolut) numru 225503064".»

12. Il-Qorti ta' Għawdex għamlet riżerva espressa dwar l-effett taċ-ċertifikat ta' titolu tal-konvenuti għax ma kinitx konvinta mill-korrettezza tal-Provvediment dwar Soprasessjoni[6] fl-appell numru 115/1998 u tal-Ewwel Sentenza Preliminari[7] u tat-Tieni Sentenza Preliminari[8] fil-kawża tallum.

**L-Appell tal-Konvenuti**

---

6 Para. 6, *supra*.

7 Para. 7, *supra*.

8 Para. 9, *supra*.

13. B'rikors tat-2 ta' Settembru 2008 il-konvenuti appellaw miż-żewġ Sentenzi Preliminari, mid-Dikriet ta' Korrezzjoni u mis-Sentenza Finali. L-aggravji tagħhom huma dawn:

**L-Aggravju dwar l-Ewwel Sentenza Preliminari**

14. L-ewwel aggravju jolqot l-Ewwel Sentenza Preliminari li ċaħdet l-eċċezzjoni dwar *res iudicata*. Il-konvenuti jgħidu illi d-deċiżjoni favur tagħhom tar-Reġistratur dwar it-titolu fuq il-bitħa saret finali wara li ċ-ċertifikat tat-titolu kien attakkat bla suċċess taħt l-art-51(3) tal-Kap. 296 u dik id-deċiżjoni ġiet imwettqa mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk it-titolu ma jistax jiġi attakkat mill-ġdid fil-proċeduri tallum.

15. Dwar ir-raġuni għala l-Qorti ta' Għawdex kienet ċaħdet din l-eċċezzjoni – għax kienet tal-fehma li ma kienx hemm *eadem causa petendi* – il-konvenuti jgħidu illi ma jaqblux għax kemm il-kwistjoni maqtugħa bid-deċiżjoni tar-Registratur u konfermata mill-Qorti tal-Appell u kemm il-kwistjoni fil-kawża tallum huma dwar it-titolu fuq il-bitħa u ż-żewġ proċeduri "kienu intiżi biex jagħtu deċiżjoni f'dan ir-rigward". Komplew hekk:

«U ġaladarba r-Reġistratur tal-Artijiet u l-Qorti tal-Appell diġà taw deċiżjoni dwar it-titolu ta' din il-bitħa u dana għamluh wara deliberazzjoni estensiva tal-provi li nġabru mir-Reġistratur tal-Artijiet kif sussegwentement miflija mill-Qorti tal-Appell, fejn ikkonfermaw li dina l-bitħa tifforma parti integrali mill-proprjetà tal-esponenti, l-ewwel qorti ma setgħetx terġa' tidħol f'din il-kwistjoni fil-kawża odjerna, għaliex f'dan il-każ kienet qed tidħol fir-riskju li twitti t-triq għal deċiżjoni kunfliġġenti, kif finalment imbagħad ġara.»

**L-Aggravju dwar it-Tieni Sentenza Preliminari**

16. It-tieni aggravju tal-konvenuti jolqot it-Tieni Sentenza Preliminari, dik li ċaħdet l-eċċezzjoni illi ċ-ċertifikat ta' titolu assolut li għandhom il-konvenuti jagħtihom titolu għall-bitħa. Id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Għawdex – illi "l-irrevokabilità ta' ċertifikat ta' titolu kif maħruġ mir-Reġistratur tal-Artijiet ma jfissirx neċessarjament li joqtol u jestingwi għal kollox dritt ta' rivendika ta' terzi fuq il-proprjetà koperta b'dak iċ-ċertifikat ta' titolu" – tmur kontra dak li jgħid l-art. 22 tal-Kap. 296 li jrid illi "r-reġistrazzjoni ta' kull persuna bħala sid ta' art b'titolu garantit jagħti lil

persuna hekk reġistrata titolu irrevokabbli għaliha". Komplew hekk:

«… … … din id-deċiżjoni tmur kontra l-liġi u kontra l-iskop intiż mil-liġi. Jekk, kif jidher li fehmitha l-ewwel qorti, minkejja l-eżistenza ta' tali ċertifikat, wieħed jista' xorta waħda jikkontesta l-kontenut tiegħu, allura ma jistax jingħad li hemm ċertezza fiċ-ċertifikat. U konsegwentement, li wieħed jaċċetta li l-kontenut ta' ċertifikat jiġi kontestat, iwaqqa' għal kollox l-iskop tal-kunċett ta' ċertifikat ta' titolu garantit.»

**L-Aggravju dwar id-Dikriet ta' Korrezzjoni**

17. It-tielet agggravju jolqot id-Dikriet ta' Korrezzjoni. Dan l-aggravju l-konvenuti fissruh hekk:

«… … … l-esponenti jħossuhom aggravati mid-dikriet … … … tal-14 t'Ottubru 2005 (*fol*. 459) illi permezz tiegħu l-ewwel onorabbli qorti laqgħet ir-rikors tal-atturi *a fol*. 262 u ordnat il-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni attriċi kif dedott fl-istess rikors. Illi permezz tar-rikors tagħhom, l-atturi effettivament talbu tibdil radikali fiċ-ċitazzjoni tagħhom li jmur *oltre* minn sempliċi tibdil fin-numru tal-fond tal-esponenti. Hekk, fiċ-ċitazzjoni tagħhom, l-atturi allegaw illi l-fond proprjetà tal-konvenuti Frendo kien mess u ġie assenjat lil Francesco Debrincat bl-att ta' diviżjoni atti Nutar Francesco Refalo tal-14 ta' Settembru 1928 mentri issa qed jgħidu illi fil-fatt dan il-fond ġie lliberat lill-istess Francesco Debrincat permezz ta' bejgħ ta' *sub hasta*, *ossia* bejgħ b'liċitazzjoni li permezz tiegħu l-fond in kwistjoni ġie lliberat fit-22 t'April 1932.

«Illi *inoltre* l-atturi talbu korrezzjoni tal-ħames u s-sitt paragrafi taċ-ċitazzjoni tagħhom billi jinbidel in-numru tal-fond tal-esponenti għan-numru disgħa (9) u għaxra (10), Triq il-Kbira, Sannat flok in-numru ħdax (11). Illi fil-fatt, il-ħames paragrafu taċ-ċitazzjoni tiegħu ma' fih l-ebda riferiment għan-numru, attwali jew passat, tal-fond tal-esponenti u għaldaqstant ma' setgħet tiġi effetwata l-ebda korrezzjoni f'tali paragrafu. Inoltre, is-sitt paragrafu mhux biss kien oriġinarjament jagħmel referenza għall-fond li qabel kien magħruf bin-numru ħdax (11), Triq il-Kbira, Sannat izda jiċċita estensivament mill-kuntratt ta' qasma suċċitat b'riferiment għall-istess fond illi issa l-atturi sostnew bir-rikors tagħhom illi m'huwiex il-fond korrett. Illi meta dina l-onorabbli qorti laqgħet it-talba tal-atturi, in-

numru tal-fond tal-esponenti inbidel għan-numri disgħa (9) u għaxra (10) flok ħdax (11), Triq il-Kbira, Sannat iżda d-deskrizzjoni tiegħu baqgħet dik ikkwotata estensivament fiċ-ċitazzjoni tal-atturi u *cioè* tal-fond numru ħdax (11), Triq il-Kbira, Sannat. L-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tat-13 t'Awissu 2008 issuperat dan l-ostaklu billi unilateralment neħħiet kwalunkwe deskrizzjoni li kien hemm fl-imsemmi sitt (6) paragrafu taċ-ċitazzjoni attriċi qisha qatt ma kienet hemm alavolja l-atturi qatt ma talbu illi tali deskrizzjoni titneħħa mill-korp taċ-ċitazzjoni.

«L-esponenti jħossu illi l-bdil permess bid-dikriet imsemmi tal-14 t'Ottubru 2005 laqat is-sustanza tal-azzjoni attriċi b'mod radikali, jaqbeż dak konsentit bl-artikolu 175 tal-Kap. 12 u għalhekk ma kellux jiġi permess. Inoltre, il-bdil illi l-ewwel onorabbli qorti dehrilha illi kellha teffetwa *sua sponte* fil-korp taċ-ċitazzjoni m'għandu l-ebda bażi fil-liġi minkejja kwalunkwe raġuni ta' prattiċità illi wieħed jista' jinvoka. Għaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu umilment ir-revoka tad-dikriet ta' dina l-onorabbli qorti tal-14 t'Ottubru 2005 u r-ripristinazzjoni tal-korp taċ-ċitazzjoni kif oriġinarjament ippreżentat.»

**L-Aggravju dwar is-Sentenza Finali**

18. L-aħħar aggravju jolqot il-meritu: id-deċiżjoni tal-ewwel qorti fis-Sentenza Finali illi l-atti u d-dokumenti fil-proċess juru illi l-bitħa tagħmel mal-fond tal-atturi u mhux ma' dak tal-konvenuti. Il-konvenuti ħassew ruħhom partikolarment aggravati b'din is-silta mis-Sentenza Finali:

«L-atturi naqsu milli jressqu provi biex juru kif matul is-snin Giuseppe Debrincat kien iddispona mill-fond numru 8 (illum 18), *cioè* jekk b'att *inter vivos* jew *causa mortis*. Ċertament kien ikun ferm utli u floku li ssir prova simili, in kwantu mill-provi ma rriżultax kif l-awturi ta' Maria Giovanna Grima (omm l-attur) akkwistaw il-proprjetà tal-fond numru 18. Min-naħa l-oħra però lanqas ma tressqet xi prova li Giuseppe Debrincat kien iddispona mill-bitħa in kontestazzjoni b'mod separat mill-kumplament tal-fond numru 18 u l-probabilità hi li ma ddisponiex.»

19. Kontra din il-konklużjoni l-konvenuti argumentaw hekk:

«… … … l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda dubju illi t-titolu tal-atturi jirrisali għal dan il-kuntratt ta' qasma tal-1928 meta hi stess ammettiet illi l-passaġġ tal-proprjetà bejn l-

1928 u l-1958 ma ntweriex u meta f'tali perjodu seta' kien kien hemm tibdiliet sostanzjali fil-konsistenzi tal-fondi rispettivi, differenzi illi jolqtu d-deskrizzjoni tal-istess fondi kif imsemmija fil-kuntratt tal-1928 illi għall-ewwel qorti huwa sagrosant. L-ewwel qorti straħet fuq il-fatt illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova kuntrarja meta huwa paċifiku illi tali prova kellha titressaq mill-atturi.»

20. Il-konvenuti mbagħad ikomplu biex juru illi fil-kuntratti sussegwenti d-deskrizzjoni tal-proprjetajiet tinbidel u dan, fil-fehma tagħhom, juri kif bejn l-1928 u l-1958 il-bitħa nfirdet mill-fond tal-atturi u ngħaqdet ma' tagħhom.

**It-Tweġiba tal-Atturi**

21. L-atturi wieġbu fid-29 ta' Settembru 2008.

22. Dwar l-ewwel aggravju – dak ta' *res iudicata* – wieġbu illi jonqos l-element meħtieġ ta' *eadem causa petendi.* Fissru l-argument tagħhom hekk:

«Filwaqt li l-kwistjoni li kien hemm mar-Reġistratur tal-Artijiet kienet tirrigwarda l-validità *ossia* korrettezza *o meno* tar-reġistrazzoni tal-art *ut sic*, u t-talba kienet saret sabiex issir korrezzjoni fir-reġistru tat-titoli magħmula fit-terminu tal-artikolu 51 tal-Kap. 296, il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija bażata fuq l-artikolu 322 tal-Kap. 16, u *cioè* dik ta' rivendika tal-proprjetà, li appena xtraw il-fond attigwu l-appellanti, huma hadu l-pussess esklussiv tal-bitħa u spussessaw lill-esponenti mill-proprjetà tal-bitħa billi għalqu wkoll l-aċċess għaliha mid-dar tal-esponenti b'bieb tal-ħadid li l-appellanti waħħlu u għamluh jissakkar min-naħa tal-bitħa meħuda minnhom. … … …

«Illi mhuwiex assolutament il-każ dak li qed jiġi sottomess mill-appellanti li biċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-ewwel qorti tat lok li jkun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti. Filwaqt li l-każ li kien ġie deċiż mir-Reġistratur tal-Artijiet u konfermata mill-Qorti tal-Appell kien jirrigwarda fis-sustanza l-operat tal-istess Reġistratur a rigward iċ-ċertifikat li kien ħareġ tal-'ewwel reġistrazzjoni' fuq il-proprjetà tal-appellanti … … … il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti huwa biex tinterpreta l-kuntratt tal-1928, fid-dawl tal-pretensjonijiet tal-esponenti li huma proprjetarji tal-art (illum bitħa), li bil-kuntratt tal-1928 ġiet

tagħmel parti integrali mill-fond illum tal-atturi, u mhux mill-fond illum tal-appellanti;

«Dan l-aggravju fid-dawl tas-sentenza parzjali tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 huwa manifestament infondat, u l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif ser tkun din l-istess qorti li tmur kontra dak li ġie deċiż minnha stess a rigward l-elementi distintivi li hemm bejn iż-żewġ azzjonijiet.»

23. Dwar it-tieni aggravju – li ċ-ċertifikat ta' titolu jagħti lill-konvenuti titolu "irrevokabbli" taħt l-art 22 tal-Kap. 296 – l-atturi reġgħu straħu fuq is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1999, il-Provvediment dwar Soprasessjoni, u qalu hekk:

«… … … l-pożizzjoni dwar iċ-ċertifikat li għandhom l-appellanti odjerni għamlitha ċara din l-istess Qorti tal-Appell minn eżami tal-atti kollha li kellha quddiemha tal-istess Reġistratur tal-Artijiet. Żgur li mhix sejra tkun din l-istess qorti, bħalma donnhom li qed jippretendu l-appellanti, li tmur lura minn din il-pożizzjoni u tiddikjara l-istess ċertifikat bħala wieħed garantit u li jagħti lill-appellanti odjerni titolu irrevokabbli għalihom. Dan huwa li proprjament li qegħdin jippretendu l-appellanti għaliex jafu li skond il-ħaqq u s-sewwa u kif joħroġ tant ċar u skjett mill-kuntratt tal-1928, li l-bitħa qatt ma kienet tifforma parti mill-fond tal-appellanti iżda parti intergrali mill-fond tal-appellati. Madanakollu l-appellanti jippretendu li ċ-ċertifikat tagħhom huwa wieħed garantit u jagħtihom titolu irrevokabbli indipendentement mill-kuntratt oriġinali li ma jagħtihomx dan it-titolu, li ċertament meta saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-titolu u wkoll meta ħareġ mir-Reġistratur iċ-ċertifikat kwalifikat minn din il-qorti bħala tal-'ewwel reġistrazzjoni', ir-Reġistratur kien sajjem għal kollox minn dan il-kuntratt ta' diviżjoni tal-1928. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-lista ta' dokumenti li ġew sottomessi mat-talba oriġinali fejn jeskludi għal kollox li r-Reġistratur kien ġie fornut b'tali kopja mill-aħwa Cremona;

«Illi huwa ċar li minn meta ħareġ iċ-ċertifikat lill-appellanti fl-1993, kwalifikat minn din il-qorti bħala 'tal-ewwel reġistrazzjoni' ċertament ma laħqux għaddew għaxar snin minn meta saret kemm il-kawzjoni quddiem ir-Reġistratur li wasslet biex ir-Reġistratur beda jisma' l-ilment tal-

esponenti kif ukoll għal din il-kawża li llum għandha quddiemha din il-qorti … … …

«Illi l-appellanti qegħdin jinterpretaw għall-vantaġġ tagħhom iċ-ċertifikat tagħhom bħala wieħed garantit u irrevokabbli, iżda però il-fatt li ħarġilhom titolu assolut ma jfissirx li huwa awtomatikament titolu garantit u irrevokabbli la darba kienu għadhom m'għaddewx għaxar snin mill-ewwel reġistrazzjoni. Dan joħroġ ċar mill-artikolu 23 tal-Kap. 296, u kif ġie korrettement interpretat minn din il-qorti fis-sentenza suċċitata, it-titolu xorta waħda jibqa' assolut sakemm igħaddu għaxar snin, però jsir garantit u irrevokabbli għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 296 wara t-trapass ta' għaxar (10) snin, ħaġa li mill-atti tirriżulta ċara li ma kinux għadhom għaddew meta nqalgħet il-kwistjoni bejn il-partijiet u wasslet għall-kawża appellata. … … …

«Illi fid-dawl ta' dak li rriteniet din il-qorti fis-sentenza parzjali tagħha tas-6 ta' Ottubru 1999, l-azzjoni odjerna kemm-il darba tiġi tentata b'suċċess 'ikollha l-effett li tiddikjara t-titolu ta' proprjetà li r-rikorrenti qed jivvantaw fuq il-bitħa kontestata, u tali sentenza, *una volta* tgħaddi in ġudikat, kienet reġistrabbli mar-Reġistratur tal-Artiiiet u definittivament għal dak il-mertu timmodifika l-ewwel reġistrazzioni tar-Reġistratur', u hija għalhekk din il-kawża li issa għandha quddiemha din il-qorti li tħoll u torbot. Infatti din l-istess qorti żiedet tosserva fis-sentenza tagħha li 'azzjoni waħda ma teskludix l-oħra. Infatti deċiżjoni f'din il-kawża bl-ebda mod ma tinfluwenza l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti ta' Ghawdex u lanqas *vice versa*'.»

24. Dwar it-tielet aggravju – dak li jolqot id-Dikriet ta' Korrezzjoni – l-atturi osservaw illi l-Qorti ta' Għawdex kellha kull setgħa li tordna l-korrezzjoni taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u illi dik il-korrezzjoni b'ebda mod ma tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawża, li kien u baqa' dwar il-proprjetà ta' bitħa li qiegħda bejn żewġ fondi li jmissu ma' xulxin.

25. Dwar l-aggravju fuq il-meritu tas-Sentenza Finali l-atturi jtennu illi d-deskrizzjoni tal-fond tagħhom fil-kuntratt ta' qsim ta' proprjetà tal-14 ta' Settembru 1928 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo turi illi l-bitħa li dwarha saret il-kawża tagħmel mal-fond tagħhom u, kontra dak li jgħidu l-

konvenuti, illi l-istess bitħa hija murija wkoll fl-atti sussegwenti li biha l-fond wasal f'idejhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

26. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-konvenuti, u tibda minn dak dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* – il-meritu tal-Ewwel Sentenza Preliminari – u dwar l-effett legali taċ-ċertifikat ta' titolu maħruġ mir-Reġistratur – il-meritu tat-Tieni Sentenza Preliminari – billi, fil-fehma ta' din il-qorti, dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma marbuta flimkien u, jekk huma ġustifikati l-aggravji dwarhom, il-kwistjoni tingħalaq hawn.

**Dwar l-Eċċezzjoni ta *Res Iudicata***

27. L-atturi qegħdin jitolbu illi din il-qorti tħassar l-Ewwel Sentenza Preliminari għax jgħidu illi l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* għandha tintlaqa'. Igħidu illi l-kwistjoni dwar il-proprjetà tal-bitħa nqatgħet darba għal dejjem bid-deċiżjoni ta' din il-qorti tat-8 ta' Mejju 2003 fl-appell numru 115/1998 li wettqet id-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-24 ta' April 1998. L-atturi, kif rajna, iwieġbu illi, kif ġà deċiż minn din il-qorti fil-Provvediment dwar Soprasessjoni fl-atti tal-appell 115/1998, jonqos l-element ta' *eadem causa petendi*.

28. Jinħtieġ illi qabel xejn naraw jekk id-deċiżjoni illi jonqos l-element ta' *eadem causa petendi* fil-Provvediment dwar Soprasessjoni jorbotx lil din il-qorti għax, jekk hu hekk, ir-*res iudicata* taħdem kontra l-konvenuti, mhux favurihom, fis-sens illi ġà hemm deċiżjoni illi s-sentenza finali fl-appell 115/1998 ma taqtax il-kwistjoni fil-kawża tallum.

29. Il-Provvediment dwar Soprasessjoni kien provvediment mogħti biex jirregola l-proċedura: jekk is-smigħ tal-appell 115/1998 kellux jew le jieqaf biex jistenna li tinqata' l-kawża tallum. Għalhekk kien dikriet interlokutorju li, kif igħid l-art. 230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma jagħmilx ġudikat għall-qorti li tkun tatu. Dan naturalment igħodd għall-proċeduri li fih ikun ingħata għax, meta jingħalqu dawk il-proċeduri, ma jkunx iżjed jista' jinbidel.

30. Aktar importanti għall-għanijiet tal-kawża tallum huwa l-fatt illi dik li torbot hija d-deċiżjoni u mhux il-konsiderazzjonijiet li wasslu għaliha. Fil-Provvediment dwar Soprasessjoni d-deċiżjoni kienet illi s-smigħ ikompli

u ma jkunx hemm soprasessjoni; il-konsiderazzjonijiet tal-qorti li ma hemmx *eadem causa petendi* ma humiex parti mid-deċiżjoni u għalhekk ma jorbtux fil-kawża tallum.

31. Nistgħu għalhekk ngħaddu biex inqisu l-meritu tal-eċċezzjoni, *i.e.* jekk id-deċiżjoni tar-Reġistratur imwettqa bis-sentenza ta' din il-qorti fl-appell 115/1998 qatgħetx darba għal dejjem il-kwistjoni dwar it-titolu fuq il-bitħa jew jekk il-kwistjoni għadhiex miftuħa biex tiġi meqjusa fil-kawża tallum billi l-*causa petendi* ma hijiex l-istess.

32. Fil-fehma ta' din il-qorti l-kwistjoni kemm fil-proċeduri tallum u kemm fil-proċeduri quddiem ir-Reġistratur u fl-appell 115/1998 kienet jekk il-kuntratti u l-atti li mill-kuntratt ta' qsim ta' proprjetà tal-14 ta' Settembru 1928 iwasslu sat-titoli li għandhom il-partijiet illum jurux jekk il-bitħa tagħmilx mal-fond tal-atturi jew ma dak tal-konvenuti. Ċertament, safejn tolqot il-validità taċ-ċertifikat ta' titolu li għandhom il-konvenuti, u li jagħtihom titolu fuq il-bitħa, il-kwistjoni tieqaf hawn: iċ-ċertifikat ta' titolu kien attakkat għar-raġuni illi l-kuntratti u l-atti ma jiġġustifikawx il-ħruġ tiegħu fuq il-bitħa, dan l-attakk ma rnexxiex, u għalhekk iċ-ċertifikat tat-titolu jiswa u ma jistax jerġa' jiġi attakkat għall-istess raġunijiet imsejsa fuq il-provenjenza tal-proprjetà mill-1928 sallum.

**Dwar l-Effett taċ-Ċertifikat ta' Titolu**

33. L-atturi iżda jgħidu illi l-meritu tal-kawża tallum ma huwiex dwar il-validità taċ-ċertifikat ta' titolu iżda dwar il-proprjetà tal-bitħa. Dan huwa minnu iżda ċertifikat ta' titolu validu, bħal dak li għandhom il-konvenuti, jagħti titolu "irrevokabbli" fuq il-proprjetà u jaqta' definitivament il-kwistjoni dwar proprjetà. Dan it-titolu ta' proprjetà ma jistax jerġa' jiġi mistħarreġ f'din il-kawża tallum, kif qegħdin jippretendu li għandu jsir l-atturi. Dan joħroġ ċar mill-art. 22 tal-Kap. 296:

> **22.** Ir-reġistrazzjoni ta' kull persuna bħala sid ta' art b'titolu garantit jagħti lil persuna hekk reġistrata titolu irrevokabbli għaliha, jiġifieri, titolu li ma jistax jiġi megħlub ħlief kif provdut f 'dan l-Att, … … …

34. L-atturi jgħidu illi t-titolu li għandhom il-konvenuti huwa assolut iżda mhux "garantit", għax kienu għadhom ma għaddewx għaxar snin minn fuqu, kif irid l-art. 23(2) tal-Kap. 296, meta ġie minnhom attakkat.

35. Iċ-ċertifikat ta’ titolu li juri illi l-bitħa tagħmel mal-fond tal-konvenuti nħareġ fil-11 ta’ Novembru 1993[9]. Ladarba nħareġ qabel it-30 ta’ Ġunju 1995 jitqies titolu “garantit” bis-saħħa tal-art. 38(7) tal-Att VII tal-1995, li jgħid hekk:

**38.** (7) Kull titolu assolut … … … reġistrati qabel it-30 ta’ Ġunju, 1995, għandhom jitqiesu li huma titolu garantit … … …, u kull riferenza f ’kull liġi oħra għal reġistrazzjoni … … … b’titolu assolut għandha tiftehem bħala … … … reġistrazzjoni b’titolu garantit … … …

36. Barra minn hekk, ukoll jekk iċ-ċertifikat ma jitqiesx titolu garantit, u għalhekk jista’ jiġi attakkat biex fi kliem l-art. 23(1) “jiġu nfurzat xi dritt jew interess li jkun kontra jew jidderoga t-titolu tal-ewwel sid reġistrat u li jkunu jeżistu jew li jistgħu jinqalgħu meta l-art tiġi reġistrata għall-ewwel darba”, dan it-tentativ biex jiġi attakkat iċ-ċertifikat ġà sar fil-proċeduri quddiem ir-Reġistratur u fl-appell 115/1998, u ċ-ċertifikat ma jistax jerġa’ jiġi attakkat għall-istess raġunijiet.

37. Il-konklużjoni għalhekk bilfors ikollha tkun illi ċ-ċertifikat ta’ titolu li għandhom il-konvenuti fuq il-bitħa ma jistax jerġa’ jiġi attakkat għar-raġunijiet li għalihom qiegħed jiġi attakkat illum, u dak iċ-ċertifikat jagħti lill-konvenuti titolu tajjeb għall-bitħa li wkoll ma jistax’ jerġa’ jiġi mistħarreġ għar-raġunijiet li fuqhom hija msejsa l-kawża tallum.

38. Fid-dawl ta’ dan, ma hux meħtieġ li l-qorti tqis ukoll l-aggravji l-oħra tal-konvenuti.

**Konklużjoni**

39. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

(a) thassar is-sentenza preliminari appellata tal-1 ta’ April 2003;

(b) thassar is-sentenza preliminari appellata tas-6 ta’ Lulju 2004;

(c) thassar is-sentenza finali appellata tat-13 ta’ Awwissu 2008;

(d) tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi appellati.

40. L-ispejjeż kollha għandhom iħallsuhom l-atturi.

---

9 *Fol.* 134.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino Caruana Demajo
Prim Imħallef Imħallef Imħallef

Deputat Reġistratur
Lb

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar l-Ewwel Sentenza Preliminari, it-Tieni Sentenza Preliminari u s-Sentenza Finali, tilqa’ l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------